# L-Għanja Ta' l-Għaqda

Oliver Friggieri & Vince Fabri © 1990 Vince Fabri

```
         G            D            C          G
Ftaħna t-toroq tagħna beraħ u żejjinna djarna wkoll,
          C            G             D
Biex inti terġa'  timxi fostna u tagħrafna lkoll, ilkoll.

Qtajna l-palm il-ġdid mill-ġonna ħa nsellmulek int w għaddej,
Fommna nħall biex b' din l-osanna l-isbaħ merħba ntuk, Mulej.

G D     C G      C
Osanna, osanna 'mbierek
    G          D     D7
Min ġej f' isem il-Mulej. (x2)

Ibqa'  ħdejna biex il-baħar terġa'  ssikktu meta jqum.
Mexxi d-dgħajsa tqila tagħna lejn ix-xatt sa tmiem il-jum.

Erġa'  rodd is-saħħa ' l-morda,erġa'  farraġ ' l-imnikktin
Erġa'  aħfer lill-midinba erġa'  qajjem lill-mejtin.        Rit:

Idħol magħna ġewwa djarna, aħdem magħna b' dawn l-idejn
Kul mill-mejda li ħejjejna, orqod magħna dan il-lejl.

Itla'  magħna l-għolja tqila, Aqa'  magħna tul it-triq
Egħreq magħna dan il-għaraq, olfoq magħna dan l-ilfiq.      Rit:

Itlob magħna t-talb imweġġa' , ħoss ġo għadmek il-weġgħat
Nixxi magħna d-demm u l-ilma bati magħna t-tliet sigħat.

Għasses sewwa l-qabar tagħna sa ma r-raqda tagħna ddum
U qajjimna kif qomt inti maż-żerniq tat-tielet jum.         Rit
```

G C D D7

